# LIL KEWKBA FEĠĠA

Kewkba feġġa,
li bħal vleġġa
tgħaddi tiġri ġe' s-smewwiet,
nindaħallek
jekk nagħmillek
jiena da' l-mistoqsijiet?

Mnejn tkun ġejja
xħin għaddejja,
narak tiġri aktar mir-riħ,
tagħmel noqba,
tagħmel toqba
f'wiċċ is-sema u ddub ġe' fih?

Tgħid id t'Anġlu
jew t'Arkanġlu
xi kubrita tixgħel tħajret?
dawl tħożż b'ġibsa?...
jew ta' libsa
żagarella ħamra ttajret?

Kewkba feġġa,
li bħal vleġġa
ħriġt mis-sema w-irġajt dħalt,
tridx tgħid lili,
kemm hemm mili,
minn fejn tlaqt sa fejn usalt?

Kewkba feġġa,
kemm int leġġa
b'suffarell jew xrara nar
tilgħab trija
fil-għaxija
wara l-għeja ta' bin-nhar!

Ġie li ħlejtu
għaqli, rmejtu
fuq is-sema għax ingħir
narak taħrat
hemm titbagħrat
bħal għammieża tiġri u ttir.

Ġie li rajtek
u donnajtek
bla raj xebba tajtha għall-ħrib.
Ħrabt minn ommok...
mur ħu żommok!
filli tiġri, filli tgħib!

Drabi lmaħtek,
tinfdu b'saħħtek,
b'sejf tan-nar, lis-sema, jien:
tinfdu b'serqa,
kif il-berqa
fis-sħab tagħmel xi dagħbien.

Niesna t'ilu,
ta' Bab-ilu,
kien' għalmuna "li nistruk
biex tistorna
sa tiġborna
tiġi l-mewt"—le ma niksruk!

Biex bix-xejra
li tkun sejra
biha kieku aħna nħalluk:
li f'pajjiżna,
Alla jħarisna,
bil-għajn tagħna ma niġbduk.

Fl-art, bilħaqq!
int tal-ħaqq
xebħ wisq dgħajjef, għaliex mita
tiġi w-tfiġġ
tmur u żżiġġ,
dawlek nida ħdejn ix-xita.

Int tixbiħa
wkoll u sħiħa
ta' ħajjitna aħna l-bnedmin
illi nfiġġu
nidhru nżiġġu
biss u ngħibu ġe' ftit ħin!

Kewkba feġġa
donnok vleġġa
tiġri u tħalli d-dinja wrajk,
minn hu fuqek
biss isuqek,
kull fejn tmur ma tmurx minn rajk.

# TEFTIF

Bdil bejn *l* u *n*.

Huma hekk qrib xulxin fil-ħoss dawn iż-żewġ konsonanti ll sikwit jitbiddlu waħda fl-oħra mhux biss fil-Malti iżda fl-ilsna kollha, semin u arjin. Ma rridx indejjaq il-qarrejja b'ħafna kliem żejjed, kif u meta ssir il-bidla, iżda rrid insemmi biss xi ftit minn dal-kliem b'*l* jew *n* mibdulin, biex joqogħdu aktar b'għajnejhom miftuħa dawk li jifittxu nisel il-kliem malti.

*Bahnan;* kelma waħda bħal *bahlien*, ġejja mill-għerq *b-h-l*
*Klin*; ġejja minn *klil*, bħal *klila*.
*Ġonġol*; ġejja minn *ġolġol* bħalma jgħidu x'uħud.
*Ġunġlien*; ġejja minn *ġulġlien*.
*Ħurtan*; ġejja minn *ħurtal*.
*Ħannuf*; bil-Għarbi *ħalluf*.
*Qanqal*; ġejja minn *qalqal*.
*Sinsla*; ġejja minn *silsla*.
*Żarbun*; bil-Għarbi *żarbul*, l-Etjopin igħidu *żarbon*.

**Sajdun.**